MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 652/2005

**Bank Of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

1. **Alfred Abdilla (ID. Nru. 488965(M)**
2. **Doreen Abdilla (ID. Nru. 321672(M)**
3. **John Mary u Rita konjugi Gafa' (I.D. Nri. 346561(M) u 334863(M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Premess li bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’sitt kuntratti datati 7 ta’ April 1997, tnejn minnhom 5 ta’ Marzu 1998, it-tlieta in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa’ u kuntratti datati 27 ta’ Settembru 2002, u t-tnejn minnhom datati 12 ta’ Settembru 2003, in atti Nutar Dottor John Cachia Zammit (Dok’’A’’, ‘’B’’, ‘’C’’, ‘’D’’, ‘’E’’ u ‘’F’’), is-socjeta’ attrici kkoncediet *‘’Loan u Overdraft Facilities”* lill-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla fis-somma ta’ wiehed u erbghin elf, tlett mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm41,327.42) bilanc ghad-debitu fil-‘’*Loan u Overdraft Accounts”* tal-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘’G! sa G42’’ ‘’H1 sa H2’’ u Dok ‘’I’’, Dok ‘’J1 sa J8’’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Mejju, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U peress li permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe’ dawk datati 12 ta’ Settembru 2003 in atti Nutar Dottor John Cachia Zammit (Dok ‘’E’’ u ‘’F’’), il-konvenuti John Mary u Rita mizzewwgin Gafa’ iggarantew flimkien u ‘*’in solidum”* tal-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla ghaf-favur tal-Bank Of Valletta p.l.c. fir-rigward tal- ‘’*Loan u Overdraft Accounts”* markati Dok ‘’G1 sa G42’’ u Dok ‘’I’’ ta’ Alfred Abdilla u Doreen Abdilla mas-socjeta’ Bank of Valletta p.l.c. liema debiti jlahhqu s-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, erba’ mija u tlieta u sittin Liri Maltin u disa’ u hamsin centezmu (Lm26,463.59) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Mejju, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv.

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt Dok ‘’C’’, Dok ‘’D’’ u Dok ‘’E’’ fuq imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla kif ukoll John Mary u Rita mizzewwgin Gafa’ u kif ukoll John Mary u Rita mizzewwgin Gafa’ (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-

imsemmija kuntratti, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopra indikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U peress illi konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati l-1 ta' Frar 2005 u li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok ''K'' u ''L,'' sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti Dok ''C'', Dok ''D'' u Dok ''E'' fuq imsemmija u partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla kif ukoll John Mary u Rita mizzewwgin Gafa' (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopra ndikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikundanna lill-konvenuti Alfred Abdilla u Doreeb Abdilla ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u erbghin elf, tlett mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm41,327.42) bilanc ghad-debitu fil-*''Loan u Overdraft Accounts''* tal-konvenuti Alfred Abdilla u Doreen Abdilla mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ''G! sa G42'' ''H1 sa H2'' u Dok ''I'', Dok ''J1 sa J8'') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Mejju, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

(3) Tikkundanna lill-konvenuti John Mary u Rita mizzewwgin Gafa' jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u '*'in solidum''* ma' Alfred Abdilla u Doreen Abdilla s-somma ta'

sitta u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u sittin Liri Maltin u disa' u hamsin centezmu (Lm26,463.59) bilanc fir-rigward tal-*'Loan u Overdraft Accounts''* markati Dok ''G1 sa G42'' u Dok. ''I'' ta' Alfred Abdilla u Doreen Abdilla mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Mejju, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittri ufficjali datati 1 ta' Frar, 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol.3 tal-process:

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedottaa fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------